**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 11 ta' Dicembru 2024**

**Avviz nru: 236/2023 MLF**

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Anna Katharina Debono**
**Brian Debono**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' disat elef, tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€9,082.71) b'referenza ghall-karozza Toyota IQ, li s-socjeta attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenuti skond Hire Purchase Agreement tat-3 ta' Lulju 2019, li kopja tieghu giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala 'Dokument A', rapprezentanti in kwantu ghal €4,778.30 f'kapital u interessi dovuti fuq kambjali 6 sa 37 li huma skaduti, in kwantu ghal €4,304.41 f'kapital li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu u dan skond id-dokument anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala 'Dokument B', u dana kif il-konvenuti kienu interpellati jhallsu u skond l-ittra ufficjali mibghuta lilhom ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malkta datata 17 t' Awwissu 2022 li giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala 'Dokument C'

Minkejja li l-konvenuti kienu gew interpellati ripetutament biex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma hallsux. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effetiv pagament kontra l-konvenuti.

2. Rat li l-konvenuti naqsu li jipprezentaw risposta u li jidhru fis-seduta tal-10 tal-April 2024, nonostante li kienu gew debitament notifikati.

3. Rat li fis-seduta tal-10 t' April 2024 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti

4. Rat li l-konvenuti regghu naqsu li jidhru fis-seduti tas-17 t' April 2024 u tal-14 ta' Gunju 2024, ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

5. Semghet ix-xhieda ta' Isaac Debono in rapprezentanza tas-socjeta attrici, fis-seduti tal-10 t'April 2024 u tas-17 t' April 2024 u rat id-dokumenti minnu esebiti

6. Semghet ix-xhieda ta' Dr Carl Grech fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2024 u rat id-dokument esebit minnu.

7. Rat li l-konvenuti la dehru u lanqas ipprezentaw provi.

8. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti ezebiti.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti m'ghandhiex raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-vericita tax-xhieda ta' Isaac Debono, u ta' Dr Carl Grech, li spjega fid-dettal kif is-socjeta attrici ikkomputat l-ammont minnha pretiz minghand il-konvenuti. Din ix-xhieda hija ikkorroborata wkoll mid-dokument ezebit minn Dottor Grech.

10. In oltre, il-kapitolu ipprezentat mis-socjeta attrici, ghandu jitqies mistqarr mill-konvenuti stante li dawn naqsu li jidhru ghas-subizzjoni.

**Konkluzjoni**

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' disat elef, tnejn u tmenin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€9,082.71) bl-imghax legali mis-7 ta' Marzu 2024 – data tan-notifika skond il-ligi tal-konvenut Brian Debono - sad-data tal-hlas effettiv.

11. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1944/2022, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**